# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 513/2016**

Il-Pulizija

vs

**Raymond Penza**

detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 598356(M)

Illum, 18 ta' Mejju, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Penza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xhur ta' bejn Gunju, 2014 u April, 2016 fil-Gzejjer Maltin:

1. B'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;

2. Naqas milli jaghti lil Rita Penza, is-somma li kienet hekk iffissata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (sede Superjuri) b'effett mid- 29 ta' April 2016 bhala manteniment dovut lil Rita Penza, f’zmien hmistax -il jum minn dak il-jum li fih, kellha tithallas u dana a tenur tal-artiklu 338 (z) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-28 ta’ Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal erba’ xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Penza pprezentat fit-2 ta’ Novembru, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u cioe' dik tal-Qorti tal-Magistrati datata 28 ta' Ottubru 2016, bill tillibera lill-appellant minn l-imputazzjoni migjuba kontrih u dan ukoll fid-dawl tac-cirkostanzi li ser jigu mfissra; jew

F'kaz ta' konferma tas-sejbien ta' htija, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet htija pero' thassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena ta' erba' xhur prigunerija u minflok tikkundannah ghal-piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

*L-Ewwel Aggravju: l-impossibitita' ghall-hlas tal-manteniment*

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti; u cioe' li l-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b'mod ragonevoli tasal ghal sejbien ta' htija u tikkundanna lill-appellant, stante li huwa kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment lil martu. llli kif irrizulta mill-provi prodotti quddiem l-Onorabbli l-Ewwel Qorti, sahansitra anke fl-affidavit ta' WPS 91 Miriam Mangion, stazzjonata l-ghassa ta' Hal Qormi, l-appellant jinsab ghaddej min perjodu ikrah, karatterizzat minn diversi problemi finazjarji, problemi ta' sahha, u anke problemi familjari, li ilhom ghaddejjin tul dawn l-ahhar disa' snin.

Illi filfatt kif anke riportat fl-imsemmija affidavit, l-esponenti anke informa lill- Pulizija li huwa kien qed jipprova jsib soluzzjoni flimkien rnal-konsulent legali tieghu sabiex huwa isolvi l-kwistjoni tal-manteniment.

Illi filfatt l-appellant anke xehed bil-gurarnent quddiem l-Ewwel Qorti , fejn gharraf lill-Qorti tal-Magistrati li huwa naqas milli jaghti manteniment lill-parte civile mhux kapricciosament izda minhabba impossibilita' fic-cirkostanzi.

Illi sahanistra ried li tigi ezebita dokumentazzjoni li tkompli tixhet dawl fuq dan, liema dokumentazzjoni l-appellant ma thallix jezebixxi. Tant il-qaghda finanzjarja tieghu hija wahda prekarja, li l-appellant sahansitra gie ezentat mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) li jhallas il-kawtela dovuta fl-istadju tal-appell. Cio' nonostante, il-Qorti tal-Magistrati naqset milli tiehu konjizzjoni ta' din il-prova.

Illi kif accenat iktar il-fuq, l-esponenti jbati minn depression, li fil-fatt qed tigi kurata permezz ta' diversi medicinali, u di piu', anke jbati minn hypertension, u kif ukoll minn diversi kundizzjonijiet ohra, liema kondizzjonijiet kienu certifikati mit-tabib Dr. Andrew Baldacchino, taht liema kura jinsab l-esponenti.

Illi minkejja li l-appellant xehed dwar dan viva voce, l-Ewwel Qorti qiesu naqset milli tiehu konjizzjoni ta' dan kollu ghaliex ma ridet tisma' xejn.

Illi inoltre, illum il-gurnata, l-appellant b'rieda kbira qed jipprova jerga jqum fuq saqajh u jipprova jibni hajtu mill-gdid. Fil-fatt, l-appellant, kien wera din ir-rieda tajba li jibda mill-gdid, izda l-Ewwel Qorti donna skartat dan il-fatt u ma kkonceditlux, imqar terminu qasir, sabiex l-appellant ikun jista' jhallas parti mill-ammont dovut tenut kont tac-cirkostanzi straordinarji li sab ruhu fihom. Illi ghalhekk, u fid-dawl ta' dak suespost, l-appellant huwa tal-fehma li l-Ewwel Aggravju tieghu ghandu jigi milqugh mill-Onorabbli Qorti tal-Appell.

*It-Tieni Aggravju: ll-piena inflitta minn l-ewwel Onorabbli Qorti hija wahda eccessiva tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz:*

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni aggravju tal-appellant jikkonsisti fis-segwenti u cioe', illi l-piena nflitta minn I-Ewwel Onorabbli Qorti, hija wahda eccessiva, tenut kont l-ewwel nett tal-fatt li li l-appellant mhux bi pjacir tieghu ma ottemperax ruhu mas-sentenza tal-Qorti

imma minhabba r-ragunijiet sopracitati u kif ukoll, ic-cirkostanti kollha li fihom sab ruhu l-esponenti, tant li anke ghandu djun ma' hwienet tal-merca minn fejn huwa jixtri ghall-hajja ta' kuljum.

Illi l-esponenti umilment jirrileva illi huwa jhossu aggravat sante li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti u cioe dik ta erba' xhur prigunerija effettiva, hija wahda eccessiva tenut kont tal-fattispecie tal-kaz odjern.

Illi, in oltre, kien hemm diversi pieni u sanzjonijet ohra li setghu jigu applikati f'dan il-kaz. L-appellant bl-akbar rispett, jirrileva li ghandu jigi konsidrat il-fatt li l-kondotta tal-esponenti hija wahda intatta u nadifa u allura l-piena ta' detenzjoni fuq indvidwu illi ghandu kondotta netta u li qatt ma xellef difru mal-Gustizzja, hija sproporzjonata u ser ikollha effetti negattivi fuqu specjalment issa li qed jipprova jerga jiehu r-riedni ta' hajtu lura f'idejh.

Illi l-esponenti umilment jirrileva li kif kostantement ribadit minn din l-Onorabbli Qorti anke diversament preseduta, L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti b'mod kapriccuz sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. (Vide ll-Pulizija v. Publius Said, 2003).

Illi ghalhekk huwa car li kif intqal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni f'din id-disposizzjoni ma kienx dak retributtiv izda biss li jaghmel pressjoni fuq persuni li ma jkunux hallsu l-manteniment sabiex ihallsu dak stipulat. llli fil-kaz odjern l-appellant umilment jissottometti li m'ghandux jinghata piena karcerarja effettiva.

Illi li m'hiex gusta fil-konfront tieghu tenut kont tac-cirkostanzi imwergha tieghu, meta il-hsieb tal-legislatur ma kienx li din il-kontravenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tkun mizura drakonjana punittiva. Ghalhekk il-piena ta' erba xhur prigunerija kif inflitta mill-Ewwel Qorti, kemm fil- kwalita' taghha, u sussidjarjament li minghajr pregudizzju, fil-kwantita', ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tant accettat u accenat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Illi di piu, l-appellant umilment jirrileva li bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha mezz  riformattiv  fl-imputat a skapitu tal-mezz tad-deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza il-Pulizija vs Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru, tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva.

Illi fil-fatt, titwila superficjali lejn il-gurisprudenza domestika, ukoll tindika li anke persuni li sahansitra kienu recidivi, ukoll inghataw opportunita ohra, permezz ta' pieni ridotti, sempliciment peress illi ma baqghux fit-triq li kienu fiha qabel u cioe' fil-perjodu meta sehhew ir-reati li taghhonm gew akkuzati. IIli ghalhekk, fl-umli fehma tal-appellant, fl-eventwalita' tichad l-ewwel aggravju tal-esponenti u tikkonferma il-htija da parti tieghu, din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkundanah ghall-forom ohra ta' pieni anqas drakonjani.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi permezz ta' nota tal-4 ta' Mejju, 2017 il-parte civile nfurmat lill-Qorti li rceviet dak kollu dovut u ma gghandha ebda interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tilqa l-appell ta' Raymond Penza dwar il-piena.  Thasar u tirrevoka l-piena nflitta u minflokk tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien erba' (4) xhur mil-lum.